**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 385/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Anthony Taliana**

Illum is-26 ta' Frar 2021.

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Anthony Taliana, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 46688M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Lulju, 2009, għall-ħabta tal-05:15 AM, ġewwa Tul il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, u fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer Maltin:

i. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' James Clifford Micallef li għandu n-numru tal-karta tal-identità 0285364M;
ii. Saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni NIN 004 tal-marka Opel Astra b'manjiera traskurata, bla kont, u perikoluż;

iii. Saq vettura b'numru tar-reġistrazzjoni NIN 004,ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura fi triq pubblika wara li kien ikkonsma tant alkoħol, li proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt;
iv. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b'numru tar-reġistrazzjoni NIN 004 fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
v. Bħala xufier tal-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni NIN 004, naqas li jieqaf wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet tinvolvi offiża fuq il-persuna;
vi. Ma kienx kopert b'polza ta' sigurtà dwar terzi persuni;
vii. Talli fl-1 ta' Diċembru, 2007, f'dawn il-gżejjer Maltin, b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni ta' ħila u professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' regolamenti meta kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ANN 005 tal-marka Mazda X5, ikkawża ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rachel Dingli Attard, u aktar talli aktar tard fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien qed isuq l-imsemmija vettura b'mod eċċessiv u negliġenti.
viii. Talli nhar it-30 ta' Lulju, 2009, saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni NIN 004 tal-marka Opel Astra b'veloċità eċċessiva.
ix. Talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 16 ta' April 2009, Onor. Maġ. Dr. C. Scerri Herrera LL.D. liema sentenza hi definittiva w ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-3 t'Awwissu, 2010, u senjatament l-Artikoli 225, 226(1)(b), 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1) (a), (2), (3), 15A(1)(2), 15(a)(2)(3), 15A(1)(2), 15B, 15H(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A)(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet immarkati bħala (i), (ii), (iv), (v), (vi), (vii) u (viii), u kkundannatu tlett (3) snin priġunerija u skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mil-lum. Għar-raġunijiet indikati aktar 'il fuq, il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni mmarkata bħala (iii) u konsegwentement illiberatu minnha.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf mitejn seba' u sittin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,267.77), liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant, Anthony Taliana, ppreżentat fis-16 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

a. Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati tat-tielet (iii) imputazzjoni u konsegwentement ġie liberat mit-tielet (iii) imputazzjoni;
b. Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa ġie dikjarat ħati tas-sitt (vi) imputazzjoni;
c. Tikkonfermaha fil-parti fejn ġie dikjarat li l-esponent ma kellux jiġi trattat bħala reċidiv;
d. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel (i), it-tieni (ii), ir-raba' (iv), il-ħames (v), is-seba' (vii), u t-tmien (viii) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-ligi.

   Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti kollha proċesswali u semgħet lill-Uffiċjal ta' Probation Glen Grixti matul is-seduta datata s-27 ta' Novembru 2020.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi essenzjalment l-appell intentat mill-appellant Anthony Taliana jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu minħabba nuqqas ta' provi sal-grad rikjest fil-liġi. Hu jagħmel elenku ta' diversi fatti li jemerġu mill-provi illi fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti nterpretat erronjament jew injorat għal kollox u li

konsegwentement kellhom jimmilitaw favur tiegħu. *Di piu'* b'referenza għar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu jikkontendi illi ma setatx tinstab ħtija in vista tal-fatt illi ma hemm ebda prova li tindika illi fil-mument meta kien qed isuq il-vettura huwa ma kienx f'kundizzjoni li jagħmel dan minħabba alkoħol jew droga. Dan għaliex l-provi marbuta mal-konsum tal-alkoħol ma humiex konklussivi u kwindi ma jaslu qatt biex jistabbilixxu l-kundizzjoni li l-appellant kien fiha meta kien qed isuq l-vettura NIN004 fil-lejla meta seħħ l-inċident. L-appellant jisħaq ukoll illi hu ma setax jinstab ħati għas-seba' imputazzjoni u jqanqal in-nullita' ta'l-istess billi jikkontendi li fiha hemm nieqsa l-kriterji kollha meħtieġa fil-liġi *ad validitatem*. In oltre għal dak li jirrigwarda din l-istess imputazzjoni jgħid illi xorta waħda m'hemmx provi suffiċjenti fl-atti li jilħqu il-grad meħtieġ fil-liġi sabiex tiġi stabbilita r-reita' u allura għandu jiġi lliberat ukoll minnha. L-istess jgħid għal dak li jirrigwarda t-tmien imputazzjoni li ukoll, fil-fehma tiegħu, hija nieqsa mill-partikolaritajiet meħtieġa skond il-liġi kif maħsub fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali. Finalment *in subsidium* jisħaq illi l-piena mposta fuqu hija waħda eċċessiva u dan meta l-Ewwel Qorti naqset milli tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li rrediġa is-*Social Inquiry Report* u aspetti oħra fil-ħajja tal-appellant, apparti l-fatt illi hu diġà kkumpensa lill-familjari tal-vittma finanzjarjament għad-danni minnhom subiti.

Illi finalment għalkemm l-appellant ma jressaq ebda aggravju marbut mat-tieni u l-ħames imputazzjonijiet madanakollu fit-talba huwa jitlob ir-revoka tad-dikjarazzjoni ta' ħtija għal dawn l-imputazzjonijiet ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha.[1] Illi għal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża minn

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta'

fejn jemerġi illi dan il-każ jirrisali għal nhar it-30 ta' Lulju 2009 meta seħħ inċident stradali b'konsegwenzi fatali ġewwa Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq fejn Clifford Micallef tilef ħajtu. Illi dan is-sinistru stradali seħħ fil-parti ta' Triq il-Kosta fejn hemm in-niżla li minn St. Andrews tagħti għad-daħla tal-kumpless tal-*White Rocks*. Il-vittma, li kien qed isuq rota mal-ġenb tat-triq, kien liebes *cycling gear* ta' lewn aħdar u *helmet* isfar u wara l-inċident spiċċa mixħut fl-art fuq in-naħa tax-xellug tat-triq. Fuq il-post instab ukoll parti minn *bumper* ta' vettura li fuqu kienet għadha imwaħħla it-tarka ta' reġistrazzjoni bin-numru NIN004, u aktar 'l isfel mill-kadavru nstabet ir-rota tal-vittma taħt vettura kummerċjali bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF197 li kienet misjuqa minn ċertu Anthony Degabriele. Minn dak li seta' jiġi konstatat fuq il-post mill-pulizija investigattiva u mill-esperti maħtura fl-*in genere,* irriżulta illi r-rota tal-vittma kienet tkaxkret tul in-niżla mill-vettura JBF197 u nqabbdet taħt ir-rota ta' quddiem ta' din l-istess vettura. Mill-fdalijiet tar-rota, li sofriet ħsarat konsiderevoli, seta' jiġi konstatat illi fuq il-parti ta' wara tas-sedil kien hemm materjal abjad li jirrefletti u kien hemm ukoll *reflector* bid-dawl li jteptep.

Billi x-xufier li kien ikkawża l-investiment taċ-ċiklista kien saq minn fuq il-post, beda l-istħarriġ mill-pulizija sabiex jiġi identifikat min kien il-malvivent involut f'dan is-sinistru stradali. Irriżulta illi din il-vettura kienet reġistrata fuq Anthony Taliana bin-numru ta'l-karta ta'l-identità 38554M, u ċioe' missier l-appellant. Dan Taliana ġie arrestat mill-pulizija u assuma r-responsabbiltà għall-inċident. Madanakollu meta ġie mitkellem l-investigaturi nnutaw li dan ma kienx konsistenti fi kliemu u fil-fatt finalment ammetta illi kien ibnu ta' 21 sena, li kien ismu bħalu, li seta' kien responsabbli għal dan is-sinistru. Mit-tfittxija li saret fil-garaxx ta' Taliana instabu żewġ vetturi fosthom dik bin-numru ta' reġistrazzjoni NIN004 li kien fiha ħsarat estensivi fuqha u li kellha l-*bumper* u t-tarka ta' reġistrazzjoni ta' quddiem nieqsa. Fuq is-sedil tal-passiġġier instabet xi dmija u għalhekk l-investigaturi ġiehom is-suspett li

---

Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

seta′ kien hemm passiġġier riekeb fil-vettura fil-mument tal-impatt. Din fil-fatt irriżultat li kienet ċertu Natasha Chesney li f′dik il-lejla kienet fil-kumpanija tal-appellant. Ġie nnutat ukoll illi l-magna tal-vettura kienet għada sħuna meta ġiet misjuba kif ingħad. Rigward il-vettura l-oħra li nstabet ġol-garaxx ta′ missier l-appellant, din kienet tal-għamla Mazda MX5 u wkoll kellha daqqa fuqha u li minn stħarriġ li sar irriżulta li n-numru ta′ reġistrazzjoni ta′ din il-vettura kien ANN005. Il-ħsarat riskontrati fuq din il-Mazda, madanakollu, ma kinux kompatibbli mal-inċident stradali fejn tilef ħajtu Clifford Micallef, iżda kellhom rabta ma inċident ieħor li seħħ fl-1 ta′ Diċembru 2007 fejn kienet weġġħet gravi l-passiġġiera li dak in-nhar kienet riekba mal-appellant fil-vettura misjuqa minnu, ċertu Rachel Attard Dingli.

Il-pulizija bdiet it-tfittxija għall-appellant Anthony Taliana li għall-ewwel ma setax jinstab u dan għaliex meta marru fir-residenza tiegħu f′appartament ġewwa Buġibba, għalkemm minn barra beda jinstema′ ċ-ċellulari tiegħu idoqq, madanakollu huwa ma fetaħx. Infatti il-pulizija kisbu aċċess għal dan il-fond bl-għajnuna ta′ missier l-appellant u kif il-pulizija daħlu ġewwa sabu lill-appellant mitluq fuq sodda b′riħa qawwija ta′ xorb fuqu u hemmhekk ittieħed kampjun tal-urina li ġie elevat mill-espert maħtur fl-*in genere* Dr. Mario Scerri u ttieħed ukoll it-test tan-nifs mill-pulizija.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravji marbuta mal-mertu, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tindirizza il-preġudizzjali imqanqal mill-appellant marbuta man-nuqqas ta′ osservanza tar-rekwiżiti imfassla fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan referibbilment biss għas-seba′ u tmien imputazzjonijiet. Illi s-seba′ imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant taqra:

> ′Talli fl-1 ta′ Diċembru 2007, f′dawn il-Gżejjer Maltin, b′nuqqas ta′ ħsieb, traskuraġni ta′ ħila u professjoni tiegħu jew b′nuqqas ta′ regolamenti meta kien qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ANN005 tal-marka Mazda X5, ikkawża ferita ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Rachel Dingli Attard u aktar talli aktar tard fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi kont qed issuq l-imsemmija vettura b′mod eċċessiv u negliġenti′

F′din l-imputazzjoni huma neqsin fil-fehma tal-appellant il-partikolaritajiet tal-ħin u tal-lok.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tmien imputazzjoni, din taqra kif ġej:

> 'Talli nhar it-30 ta' Lulju 2009, saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NIN004 tal-marka Opel Astra b'veloċità eċċessiva.'

Hawnhekk ukoll l-appellant jilmenta illi l-partikolaritajiet tal-lok u il-ħin huma nieqsa biex b'hekk, fil-fehma tiegħu, dan iġib miegħu n-nullita' ta' dawn l-imputazzjonijiet. Illi gie deċiż illi:

> **.... bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**
>
> **"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti għandhom jiġu ndikati fiha mhux għall-fini tal-validita` tagħha, jew tal-proċeduri, kompriża s-sentenza, li jsegwuha, iżda għall-fini ta' prattiċita` u ta' evitar ta' telf ta' żmien, u ċioe` biex l-imputat x'ħin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun ġie mħarrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruħu għall-imputazzjoni dedotta......**
>
> **Dan kollu premess ifisser li ċ-ċitazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda każ dik iċ-ċitazzjoni ma ġġib in-nullita' tal-proċeduri sussegwenti, kompriża s-sentenza."**
>
> **Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Philip Schembri mogħtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:**
>
> **"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb."**[2]

Issa l-appellant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Wara l-egħluq tal-kumpilazzjoni l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-qorti inferjuri u għal dan l-imputat ta l-kunsens tiegħu. Minn hawnhekk allura l-appellant kellu iwieġeb għal dawk ir-reati li jemerġu min-nota ta' rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Ġenerali li allura assumiet ir-rwol ta'l-Att ta'l-Akkuża. Iżda billi

[2] Pulizija vs Raymond Cutajar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali sede Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna nhar il-24.3.2010, ref. 70/2010.

dan ir-rinviju għal ġudizzju jindika biss l-artikoli tal-ligi li taħthom tista' tinstab htija u allura hija nieqsa dik il-parti analoga għan-narrattiva fl-Att ta'l-Akkuża, kwindi l-Qorti neċessarjament trid tirreferi għal fatti kif esposti fiċ-ċitazzjoni.

Issa jibda biex jingħad illi s-seba' imputazzjoni tindika kemm id-data, u lok fejn seħħ ir-reat li allavolja hija nieqsa l-indikazzjoni dwar il-post speċifiku, madanakollu hemm ippostulat illi dan seħħ fil-Gżejjer Maltin li huwa biżżejjed għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi. Dan għaliex ukoll l-imputazzjoni tagħti aktar informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-vjolazzjoni tal-ligi hemmhekk imputat u allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, permezz ta' dawn id-dettalji l-appellant seta' jifhem tajjeb in-natura ta'l-akkuża lilu addebitata f'din l-imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, imbagħad, din tirreferi għal data differenti minn dik indikata fis-seba imputazzjoni, u fil-fatt iġġorr l-istess data li tkopri l-ewwel sitt imputazzjonijiet u li dwarhom mhux qed issir kontestazzjoni mill-appellant dwar il-validità ta'l-istess. Issa huwa minnu li din l-imputazzjoni ma tirreferix għal-lok tal-inċident, iżda fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq iċċitata u tenut kont fuq kollox illi din l-imputazzjoni, kif ingħad, hija marbuta mal-ewwel sitt imputazzjonijiet, il-partikolaritajiet li għalihom tirreferi din l-imputazzjoni jirriżultaw mill-korp taċ-ċitazzjoni bħala li jirrerefu għall-istess ċirkostanzi ta' żmien u lok, u li allura ma kellha tħalli ebda dubbju f'moħħ il-ġudikabbli dwar xhiex kienet qed tirreferi din l-imputazzjoni. Għalhekk, anki għal dak li jirrigwarda t-tmien imputazzjoni din il-Qorti hija tal-fehma illi din hija waħda magħmula skont il-liġi u kwindi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolat l-aggravju ta' natura proċedurali jifdal biex jiġu trattati l-aggravji fil-mertu imqanqla mill-appellant. Illi l-Qorti qrat u fliet bir-reqqa kollha l-atti proċesswali inkluż ir-rapporti peritali u ħadet qies ukoll tal-pronunzjament magħmul mill-Qorti Kostituzzjonali u dan b'referenza għal prova li kienet qed tfittex li tagħmel il-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant wara l-arrest tiegħu. Illi jibda biex jingħad illi l-ilmenti imqanqla mill-appellant marbuta mal-mertu kollha ġew sollevati minnu quddiem l-Ewwel Qorti u indirizzati

fis-sentenza appellata, li madanakollu din il-Qorti ser tindirizza serjatim hekk kif sollevati minnu fir-rikors ta'l-appell.

L-ewwel ilment mqanqal mill-appellant huwa marbut mal-kostatazzjonijiet magħmula mill-espert arkitett il-Perit Richard Aquilina li fil-fehma tiegħu kellhom jkunu limitati għal fatti u ma kellux l-espert jinoltra ruħu fuq opinjonijiet dwar x'kienet il-kawza prossima ta'l-inċident. Issa il-Qorti eżaminat ir-rapport tal-Perit Richard Aquilina li għamel biss kostatazzjonijiet ta' fatt u xejn izjed fir-rapport minnu redatt meta kkonkluda dak li l-appellant finalment iressaq bħala waħda mid-difiżi tiegħu u cioe' illi:

> **"Fil-post fejn kien ġara l-inċident, it-triq għandha żewġ kareġġjati, waħda kontra l-oħra b'linja kontinwa bejniethom li bil-kemm tidher. Dan il-post jinsab wara kurva għal min ikun ġej minn naħa ta' Pembroke u ftit qabel il-post ta'l-inċident, it-triq għandha ukoll kurva vertikali u għalhekk il-viżwali (*Sight Distance*) hija ristretta. It-triq kienet xotta.**[3]

L-appellant jilmenta illi l-espert naqas milli jieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra fit-triq, fosthom ostakolu maħluq minn siġra li kien hemm fil-ġenb tat-triq li kienet qed tisporġi 'il barra u li wassal sabiex il-vittma neċessarjament joħroġ 'il barra lejn nofs it-triq sabiex jisorpassaha. Illi dan fil-fehma tal-appellant kien fattur kontributorju li l-Ewwel Qorti kellha tqies meta ġiet biex takkolla r-responsabbilta' kollha għal dan is-sinistru fuqu. Il-Qorti fliet ir-ritratti tax-xena tal-inċident ippreżentati mill-uffiċjali tax-xena tar-reat, kif ukoll dawk li ġew eżebiti fl-istadju tal-provi difiża, li jagħtu stampa ċara ta' kif kienet il-konfigurazzjoni tat-triq fil-jum tal-inċident, billi llum saru diversi xogħolijiet strutturali f'din l-istess triq li biddlu l-konfigurazzjoni tagħha. Minn dawn ir-ritratti jidher illi biswit il-kadavru ta' Micallef, kien hemm siġra li kienet imħawwla fil-ħamrija sitwata fil-ġenb ta' Triq il-Kosta u li fi żmien l-inċident kienet tisporġi xi ftit 'il barra għal fuq it-triq. Issa mill-istess ritratti, għalkemm jidher illi l-kadavru ta' Micallef ġie misjub viċin din is-sigra wara li seħħ l-impatt, għandu jirriżulta allura illi l-*ispot of impact* ċertament ma seħħx f'dan il-punt tat-triq billi mad-daqqa Micallef imbeżaq minn fuq ir-rota u ittajjar fl-art. Infatti mir-

[3] A fol70 tal-process Vol.1

rapport redatt mill-espert Mario Buttigieg, allavolja ma setax jiġi stabbilit bl-eżatt fejn seħħ l-impatt minħabba li ma kienx hemm *gauge marks* provenjenti mill-vettura, l-espert jgħid is-segwenti:

> **Illi ġie stabbilit li bil-veloċita' li Taliana kien għaddej biha Micallef tar b'dik l-istess veloċità li ġie milqut biha. Kerry Knapp Ph.D. u Patrick Hannon Ed.D jgħidu illi '*the pedestrian in accordance with Newton's first law of motion will separate from the vehicle after the impact. Ravani et. al. (1981) reports that in most cases the pedestrian will separate from the vehicle and will contact the roadway and suffer abrasive ground injury on the same side of the body that experienced vehicle impact damage.*' Intant minn aktar studju li għamel l-esponent mal-kitba tas-Surġent P.R.T. Bellion B. Eng (Civ) M.S.A.E. irriżulta li b'dik il-veloċita' *pedestrian* itir distanza tul ta' seba' u sittin (67) metru. Din id-*data* ġiet miġbura wara l-istess pulizija Awstraljana għamlet wieħed u tletin (31) eżami fuq diversi vetturi li lkoll taw l-istess riżultat.'**

Illi wara li l-espert ikkjarifika li l-istudji li japplikaw bl-istess mod ghal-*pedestrian* kif ukoll għal ċiklisti, jispeċifika:

> **'illi mid-dinamika tal-inċident irriżulta li l-vettura numru NIN004 baqgħet dieħla *head on* fuq wara tar-rota tal-vittma Micallef. Illi b'konsegwenza Micallef tar minn fuq ir-rota u ġisem Micallef għamel ħsara fuq is-saqaf u l-*windscreen* tal-vettura li kienet qed tiġi misjuqa minn Taliana. Illi b'konsegwenza l-ġisem ta' Micallef ġie *projected* u straħ fuq wiċċ it-triq fuq naħa tax-xellug ta' triq.'**

In oltre minn analiżi akkurat tar-ritratti meħuda mill-uffiċjali tax-xena tar-reat, jidher ċar illi fit-triq, fid-direzzjoni lejn Baħar iċ-Ċagħaq, li kienet l-istess direzzjoni li fihom kienu qed isuqu kemm l-appellant kif ukoll il-vittma, instabu fdalijiet mill-vettura li kienet misjuqa mill-appellant inkluż il-*bumper* bin-numru ta' reġistrazzjoni NIN004. Dawn kienu mifruxa matul iż-żewġ naħat tat-triq b'konċentrazzjoni tinsab qabel il-post fejn spiċċa l-kadavru ta' Micallef u mhux warajh. Dan ifisser allura illi dik il-manuvra li l-appellant qed isostni li saret mill-vittma u ċioe' li sporġa 'il barra lejn nofs it-triq sabiex jiskapula is-siġra ma issibx konfort fil-provi indizzjarji li ġew misjuba fuq il-lok ta'l-inċident. Fuq kollox l-appellant ma jistax igħid fejn kien Micallef qabel l-impatt billi t-teżi tiegħu hija li dan ma setax ikun viżibbli għas-sewwieqa u kien għalhekk li ġie investit. Illi l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq konġetturi maħluqa mill-appellant illi iċ-ċiklista saq għal nofs it-triq minħabba f'din is-siġra, li *del resto* tinsab fil-ġenb tat-triq, u imbagħad fl-istess nifs isostni illi dan ma kienx viżibbli għalih qabel

l-impatt. Li kieku Micallef għamel il-manuvra li qed igħid l-appellant li saret, żgur li allura huwa kien jinduna biċ-ċiklista quddiemu tempestivament.

Fil-fatt l-appellant jilmenta illi l-viżwali tiegħu tat-triq kienet waħda ostakolata jew ristretta b'dan għalhekk illi huwa ma setax jara lill-vittma qabel l-impatt. Illi lanqas din il-linja difensjonali ma tista' tiġi akkolta. Illi għalkemm kif ikkonkluda l-Perit Richard Aquilina, l-viżwali għas-sewwieq fil-lok ta'l-inċident setgħet kienet waħda ristretta, dan ma jfissirx illi l-appellant ma setax jara lil vittma qabel l-impatt. Dan għaliex fl-ewwel lok il-passiġġiera li kienet riekba mal-appellant dak in-nhar ta'l-inċident u li xehdet f'dawn il-proċeduri, certu Natasha Chesney, tikkonferma illi hija fil-fatt rat liċ-ċiklist eżatt qabel ma ntlaqat. Dan kellu ifisser allura illi anke għall-appellant kellu jkun viżibbli dan iċ-ċiklista isuq fit-triq u għandu jfisser illi huwa ma kienx qed jeżerċita' dik id-diliġenza u attenzjoni jew ' hekk imsejjħa *proper lookout* fis-sewqan tiegħu. Illi wkoll il-fatt illi l-viżwali setgħet kienet ostakolata kienet tpoġġi responsabbiltà akbar fuq l-ispalla tas-sewwieq li joqgħod ferm aktar attent fis-sewqan tiegħu u dan kif isostni ben tajjeb l-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet Lloyds (Malta) Ltd. Noe vs Derin Mangion, ġie ritenut illi:

> **'Sewwieq huwa mistenni li jsuq b'mod li jkun jista' jwaqqaf fit-tul ta' triq li jkun jista' jara, biex ma jinħasadx b'ostakoli li jarahom tard wisq biex jilħaq iwaqqaf fit-tul ta' triq li jkun fadallu.'[4] In oltre 'Iċ-ċirkostanzi ambjentali fil-mument tal-inċident setgħu naqqsu lis-sewwieq il-possibilità li jara sewwa x'kien qed jiġri minħabba d-dlam, jew minħabba l-mument jew il-ħin meta seħħ l-inċident ma kienux relevanti. <u>Aktar ma kien hemm diffikultajiet ta' din ix-xorta akbar kellha tkun l-attenzjoni tas-sewwieqa</u>.'[5]**

Bl-istess mod meta l-appellant jilmenta illi kien hemm nuqqas ta' dawl fit-triq huwa kellu jsuq aktar bil-qalbu ġaladarba l-viżwali tiegħu setgħet kienet ostakolata minħabba fid-dlam. Il-fatt li Micallef seta' ma semax il-vettura tal-appellant ġejja minn warajh minħabba xi mużika li dak il-ħin kien qed jisma' permezz ta' xi *headphones*, ma jeżonerax lill-appellant mill-obbligi tiegħu fit-triq. *Di piu* ġie ppruvat illi l-vittma kien liebes *cycling gear* u faxxi fuq is-sedil tar-rota tiegħu b'kuluri jixegħlu (*fluorescent*)

[4] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ppreseduta mill-Imħallef Giannino Caruana Demajo nhar il-20.4.2004.
[5] Carmelo Micallef St. John vs. Richard Spiteri et, deċiża 15/01/2002 mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri, ippreseduta minn l-Imħallfin Said Pullicino. Filletti u Franco Depasquale.

apparti li kellu *reflector* iteptep fuq din ir-rota. Dan ifisser konsegwentement illi lanqas l-argument illi is-sewwieq tat-trukk li għadda minn fuq ir-rota wara l-impatt ma kien induna bil-presenza tagħha fit-triq minħabba fid-dlam, ma jista' jreġi. Dan fl-ewwel lok għaliex it-trukk għadda wara li kien seħħ l-inċident fejn is-sewwieq induna bil-kadavru ta' Micallef li kien mal-art u skapulah għaliex ħaseb li kien xi skart. Wara dan it-trukk inqabad mar-rota li kienet fit-triq u kaxkarha numru ta' metri aktar 'il quddiem u waqqaf għaliex f'dan il-mument x'aktarx intebaħ illi dak li kien qabeż f'nofs it-triq kien il-kadavru ta' Micallef li kien għadu kemm ġie nvestit minn vettura oħra waqt li kien qed isuq ir-rota. Illi l-Ewwel Qorti eżaminat dawn il-fatturi kollha marbuta ma' dan is-sinistru stradali u din il-Qorti tistqarr li tikkondividi l-fehma tagħha pjenament.

Illi l-provi indizzarji jindikaw illi l-impatt tal-vettura maċ-ċiklista kien tant qawwi li bil-fors illi l-appellant kien qed isuq b'ċertu veloċità eċċessiva. Issa l-espert Mario Buttigieg ħejja żewġ rapporti fejn fl-ewwel rapport hu kien tal-fehma illi l-appellant kien qed isuq bil-veloċità ta' 114 kilometru fis-siegħa. Sussegwentement u fl-istadju tal-provi difiża l-Qorti estendiet l-inkarigu ta' dan l-espert, u dan meta d-difiża saħqet illi l-vettura kienet qalgħet daqqa fuq il-*bumper* fis-sena 2008 u li l-*bumper* għalhekk ma kienx dak oriġinali illi ħareġ mill-fabbrika, billi dan kien inbidel[6]. Illi il-Perit Buttigieg fit-tieni rapport tiegħu, u meħud minnu in konsiderazzjoni din il-prova magħmula mid-difiża, bl-applikazzjoni tal-formula tal-*projectile velocity,* illi hija differenti minn dik illi hu wża għall-ewwel rapport tiegħu, kkonkluda illi l-veloċità' li biha il-*bumper* imbeżaq mill-vettura kienet ta' 91.26kph u 90.8kph[7]. Dan ix-xhud iċċara illi anki jekk l-karrozza setgħet kienet milquta qabel b'daqqiet oħra mhux relatati mal-inċident mertu tal-kawża, xorta waħda ma kellux ikun hemm dubbju illi l-impatt illi seħħ kien wieħed qawwi ħafna tant illi iċ-ċiklista tar minn fuq ir-rota, instabat mal-*windscreen* u għamel *dent* fonda fis-saqaf tal-karrozza, daqqa

[6] Mix-xhieda ta' Martin Fenech a folio 657 tal-atti proċesswali jidher li hu kien fil-fatt biddel il-*bumper* oriġinali għal dak li nstab fuq ix-xena peress illi kellu daqqa fin-nofs tiegħu. Dan seħħ fis-sena 2008 u ċioe qabel dan il-każ. Skond dan l-istess xhud meta ġie mistoqsi jekk kellux diffikultà iwaħħal il-*bumper* il-ġdid qal li ma kellux din il-problema. Dan ix-xhud saħaq ukoll illi kien hemm daqqa fuq il-faċċata tal-*enforcement* iżda kemm kienet fonda din id-daqqa ma ġiex stabbilit minn dan ix-xhud, liema fatt m'affetwatux meta ġie biex waħħal il-*bumper* il-ġdid.
[7] Folio 614 et seq.

konsiderevoli li kienet fatali għal vittma. L-espert stabbilixxa wkoll illi r-rota misjuqa minn Micallef qalgħet daqqa vjolenti fuq ir-rota ta' wara tant illi din inqalgħet minn mal-*welding*. Dan ifisser illi għalkemm t-tieni rapport mħejji mill-espert Buttigieg jindika veloċità' inqas minn dik indikata fl-ewwel rapport, jibqa' l-fatt illi l-appellant kien qed isuq b'veloċità konsiderevoli, veloċità li kienet teċċedi bil-bosta l-limitu fiż-żona fejn seħħ l-inċident ta' 70 kilometru fis-siegħa. Dan l-impatt vjolenti konsegwenzjali għall-i*speed* eċċessiva li bih kien qed isuq l-appellant hija evidenzjata ukoll mill-ħsarat estensivi subiti fil-vettura b'daqqa ċentrali fuq il-*bumper* ta' quddiem, oltre l-fatt li kif ħareġ ċar mill-provi, l-appellant f'ebda stadju qabel l-impatt ma applika l-brejk, iżda baqa' sejjer lejn il-Buġibba fejn wassal d-dar lil Natasha Chesney, li kienet riekba miegħu fil-mument tal-akkadut. Illi allura l-Qorti mhijiex tal-fehma li dawn ir-rapporti mhumiex attendibbli billi mill-konklużjonijiet hemmhekk milħuqa il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tista' tasal biex tifhem illi l-kawża prossima tas-sinistru stradali mertu ta' dan il-każ hija indubbjament il-veloċità elevata li biha kien qed isuq l-appellant abbinat man-nuqqas ta' *proprer lookout*, tant illi huwa ma rnexxielux jinduna bil-presenza tal-vittma fit-triq tempestivament.

Illi allura għandha tirriżulta l-ħtija għat-tmien imputazzjoni ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-appellant kien qed isuq b'veloċità oltre l-limitu. L-istess għandu jingħad għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni u dan peress illi li kieku l-appellant ma kienx qed isuq b'manjiera perikoluża u b'nuqqas ta' attenzjoni dan l-inċident traġiku ma kienx iseħħ u seta' jiġi evitat. In-nuqqas ta' *proper lookout* waħdu jwassal *de minimis* għal sewqan negliġenti fejn allura anki t-tieni mputazzjoni tinsab sodisfaċentement ippruvata.

L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-ħames imputazzjoni billi jirriżulta mill-provi illi l-appellant naqas milli jieqaf mal-impatt u baqa' għaddej fi triqtu qisu ma kien ġara xejn. Dan jirriżulta ċar minn dak illi xehdet Natasha Chesney illi tirrakkonta illi hija inħasdet u bdiet twerżaq wara l-impatt u tispjega fix-xhieda tagħha illi kienet qalet lill-appellant jieqaf għaliex kienu laqtu persuna, iżda dan naqas milli jagħmel hekk. Mhux biss iżda din l-istess xhud tikkonferma li l-appellant ipprova jikkalmaha u baqa' sejjer lejn Buġibba bil-karozza mfarrka. In oltre kif ingħad mir-rapport tal-esperti Buttigieg u Aquilina kif ukoll mir-ritratti meħuda mill-uffiċjali tax-xena tar-reat ma

nstabet ebda evidenza ta' brejk *marks* jew *skid marks* li jkompli jikkonferma li l-appellant la waqaf u lanqas għamel tentattiv biex jieqaf u baqa' sejjer fi triqtu kiesaħ u biered. Din l-attitudni tidher mill-fatt illi huwa baqa' sejjer iqiegħed il-vettura fil-garaxx ta' missieru u wara daħal jorqod.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant ħassu aggravat ukoll mis-sejbien ta' ħtija għar-raba' imputazzjoni lilu addebitata fejn ġie mixli bis-sewqan ta' vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew droga. Jisħaq li ma kien hemm ebda prova konklussiva illi fil-mument li kien qed isuq il-vettura huwa ma kienx f'kundizzjoni jagħmel dan minħabba il-konsum ta' alkoħol. Jikkontendi illi r-riżultat miksub mill-kampjun tal-urina li ġie eżaminat mill-espert Godwin Sammut ma jistax jindika jekk l-konsum hemmhekk irreġistrat seħħx qabel jew wara l-inċident. Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra marbuta ma' dan l-aggravju, l-Qorti tistqarr minnufih li ma tista' tirriavviża ebda difett proċedurali fil-mod kif il-kampjun ġie ikkustodit u sussegwentement mgħoddi lill-espert tali li jista' ixejjen din il-prova. Ma jidhirx lanqas illi kien hemm xi ksur fic-*chain of custody* tiegħu biex b'hekk l-Ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuq il-konklużjonijiet milħuqa fl-eżami forensiku magħmul fuqu.

Issa r-raba' imputazzjoni tikkontempla r-reat ravviżat fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "**(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.**"

Gie deċiż illi:

> **"..... ma hux eskluz illi, anki jekk ma jigux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun sufficjenti biex iwassal il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u l-istat tieghu ta' sokor kien tali li jaffetta l-mod tas-sewqan[8].**

[8] Emfazi tal-Qorit.

Issa għalkemm jirriżulta mit-tieni rapport tal-espert Godwin Sammut li hu kien ibbaża parti mill-kalkolu tiegħu f'dan ir-rapport fuq x-xiehda mogħtija mill-appellant quddiem l-espert Buttigieg, u liema evidenza ġiet dikjarata inammissibbli b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali billi leżiva tad-dritt tal-appellant għal smiegħ xieraq, l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont ta' dan ir-rapport u tal-konklużjonijiet hemmhekk milħuqa. Illi skartata din il-prova, jibqa' l-fatt illi fl-ewwel rapport tiegħu bbażat fuq il-kampjun tal-urina elevat mill-espert mediko-legali, l-espert tossikologu Sammut għalkemm jikkonkludi illi l-livell tal-akoħol fil-ħin li ġie elevat il-kampjun, u ċioe' diversi siegħat wara l-inċident, kien wieħed fil-limiti preskritti fil-liġi, madanakollu jgħid li dan il-livell:

> **".... huwa klassifikat bhala *Euphoria/Excitement – diminution of attention, judgment & control, impairment of perception & loss of critical judgment* (Clarke's analysis of Drugs and Poisons, volume 1)."**

Illi abbinat ma'din il-prova hemm ix-xiehda ta' Natasha Chesney li tikkonferma li f'dik il-lejla jew għodwa ġewwa Paceville l-appellant kien ikkonsma xorb alkoħoliku, għalkemm ma kenitx f'posizzjoni tgħid f'hix kien jikkonsisti dan ix-xorb. Mhux biss, iżda meta ġie arrestat mir-residenza tiegħu ġewwa Buġibba, l-pulizija, saħansitra diversi siegħat wara xammew riħa qawwija ta' alkoħol fin-nifs tiegħu.

Issa:

> **"Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku." In oltre "..ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx. Biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni**

**fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C."[9]**

Illi allura hija l-fehma ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellant qabel seħħ l-inċident kien ikkonsma ammont ta'alkoħol abbinat mal-fatt illi kien għamel lejl barra mingħajr ma straħ li ċertament wassal biex ir-riflessi tiegħu kienu indubbjament imdgħajjfa. Ma jidhirx, għall-inqas l-appellant ma iressaq ebda prova sal-grad tal-probabbli, illi huwa seta' kkonsma xi alkoħol fil-ħin sussegwenti għas-sinistru u ċioe' bejn il-ħin ta' l-inċident u l-mument ta'l-arrest tiegħu meta allura saru t-testijiet fuq l-appellant. Dan ifisser illi l-provi li hemm fl-atti kollha jindikaw illi fil-mument li l-appellant ntenta jsuq il-vettura tiegħu huwa kien taħt l-effett tax-xorb, tant illi r-riflessi tiegħu kienu dgħajfa sal-punt illi huwa ma indunax b'dak li kien quddiemu fit-triq.

**… Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.[10] "**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jiġi mixli b'inċident ieħor tat-traffiku għal kollox estranju minn dak li wassal għal bidu ta' dawn il-proċeduri penali u dan fis-seba' imputazzjoni lilu addebitata. Dan l-inċident imur lura għas-sena 2007 fejn sefgħet midruba l-passiġġiera li kienet riekba mal-appellant, certu Rachel Attard Dingli. Għal dan is-sinistru stradali l-appellant ukoll jinsab ħati mill-Ewwel Qorti. Jilmenta iżda illi mill-provi u senjatament mix-xiehda tal-allegata vittma Rachel Attard Dingli ma jirriżultax illi hu kien jaħti għal dan is-sinistru billi kif tisħaq din ix-xhud dak in-nhar hu kien qed isuq bil-galbu. Jikkontendi ukoll illi l-feriti subiti minn Attard Dingli illum fiequ kompletament u l-vittma ma tbati minn ebda konsegwenza fis-saħħa tagħha.

Illi f'din is-seba' imputazzjoni l-appellant jiġi mixli bir-reat tal-offiża gravi ta' natura involontarja fuq il-persuna ta' Rachel Attard Dingli, oltre għar-reat ta' sewqan

[9] Pulizija vs Marlon Montebello deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar il-9 ta' Frar 2001 u ppreseduta mill-Imħallef Emeritus Vincent Degaetano.
[10] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

eċċessiv u negliġenti. Illi l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' ħtija għal din l-imputazzjoni fuq ix-xiehda mogħtija minn Attard Dingli li hija konsistenti fil-kontenut tagħha ma' dak li l-istess xhud stqarret quddiem l-espert Mario Buttigieg. Ix-xhud tagħti x'tifhem illi dak in-nhar meta seħħ l-inċident kienet ix-xita u l-kundizzjoni tat-triq ma kinitx waħda tajba. Jidher li l-appellant kien ser jaħbat ma' vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni l-opposta tant illi Attard Dingli tgħid li hi qabdet id l-appellant u għajtitlu, iżda dan fil-fehma tagħha ma kienx jidher normali u kellu għajnejh imbexxqin. L-appellant spiċċa ħabat ma' ħajt u ma'l-impatt Attard Dingli tiftakar illi rasha u xagħarha inqabbdu fil-ħġieġ tal-*windscreen* tal-karrozza li kienet riekba fiha. Sussegwentement ittieħdet l-isptar għal kura minn terza persuna mhux identifikata, u ġiet hemmhekk rikoverata għal tlett ijiem. Xhieda oħra okulari għal dan is-sinistru ma tressqux. Dan magħdud, madanakollu jidher illi l-appellant ukoll ma kienx qiegħed attent fis-sewqan tiegħu ukoll f'din l-okkażjoni kif joħroġ ċar mix-xiehda tal-vittma li spiċċat sofriet ġrieħi gravi f'dan l-inċident, u allura għalkemm ma hemmx prova li s-sewqan tiegħu kien wieħed eċċessiv, madanakollu huwa ndubitat illi għal xi ħin huwa ma kienx attent, ir-riflessi tiegħu kienu mdgħajfa u kwindi kien negliġenti fis-sewqan tiegħu. Illi mir-rapport tal-espert mediko-legali Dr.Mario Scerri li eżamina lil Attard Dingli sentejn wara li seħħ l-inċident, jidher illi kien '*għad għandha evidenza ta' ċikatriċi fuq moħħa liema ċikatriċi hija viżibbli minn talking distance'*. In oltre jkompli illi għandha żewġ ċikatriċi oħra illi m'humiex daqshekk viżibbli, iżda li waħda minnhom ser tibqa' bħala marka permanenti fil-wiċċ.[11]

Dan ifisser illi il-feriti rapportati minn Attard Dingli huma ta' natura gravi u dan kif maħsub fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali fejn l-offiża titqies bħala gravi *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż"*,bl-artikolu 218 iqis illi tirriżulta l-ferita gravissima *"jekk iġġib sfreġju gravi u* <u>*permanenti*</u> *fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż"*. Bid-differenza bejn l-artikolu 216 u 218 allura jinstab fin-natura permanenti tal-offiża, liema permanenza, skond is-subartikolu (2) tal-istess artikolu 218, titqies tali anki jekk x'aktarx tkun hekk.

[11] Ara d-deposizzjoni tat-tabib Mario Scerri a folio 163 et seq u t-tieni rapport tiegħu kif redatt a folio 165 tal-atti proċesswali.

Illi:

> **"il-liġi ma tirrekjedix illi dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fil-għonq jew f'waħda mll-idejn) anki ta' ftit ġranet jibqa sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija disposizzjoni (l-artikolu 216). Il-permanenza ta' l-isfreġju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tagħti lok għal hekk imsejjħa offiża gravissima skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali."**[12]

Fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Emily Zarb, ġie ritenut ukoll illi:

> **"f'materja ta' offiżi fuq il-persuna, hemm sfreġju anki jekk iċ-ċikatriċi tkun sfreġjanti, cioe tkun tagħti fil-għajn minn distanza normali. Jekk l-isfreġju jkunx sempliċi jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfreġju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm ċikatriċi."**[13]

Illi magħdud dan kollu allura u minn dak riskontrat mit-tabib Mario Scerri huwa żgur illi sentejn wara l-inċident formanti l-mertu tas-seba' imputazzjoni m'hemmx dubbju li l-vittma Attard Dingli għad għandha ċikatriċi fuq moħħha li fil-fehma ta'l-espert hija viżibbli '*at talking distance*'. Hu jasal biex jgħid li din iċ-ċikatriċi hija waħda permanenti li kwindi toqrob lejn l-estremi maħsuba fl-artikolu 218, allavolja huwa evidenti mir-rapport in atti u mir-ritratti li nġibdu tal-vittma f'dan il-każ illi dawn il-marki mhumiex daqstant konspikwi. Illi allura tenut kont tal-fatt illi il-feriti sofferti minn Rachel Attard Dingli għandhom jitqiesu bħala ta' natura gravi, kwindi dawn mhumiex rinunzjabbli mill-parti leza anke jekk illum il-konsegwenzi ta' dawn il-feriti huwa wieħed *de minimis* kif jikkontendi l-appellant, liema azzjoni kriminali hija b'hekk prosegwibbli *ex officio.* Illi allura anke l-aggravju marbut ma' din l-imputazzjoni qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost mill-appellant għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin priġunerija billi fil-fehma tiegħu din

---

[12] Pulizija vs Fortunato Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali sede inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano u deċiża nhar il-5 ta' Frar 1996.

[13] Deċiża nhar il-15 ta' Frar 1958, mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, ppreseduta mill-Imħallef William Harding.

hija waħda eċċessiva u ma tqiesx l-applikazzjoni ta' piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni. Illi f'dan l-istadju ta' revizjoni l-appellant iressaq diversi argumenti li fil-fehma tiegħu jimmilitaw favur piena aktar miti u waħda riformattiva aktar milli retributtiva. Dawn l-argumenti madanakollu kollha gew meħuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, inkluż allura il-fedina penali tiegħu u wkoll il-konklużjonijiet tal-uffiċjal tal-probation fis-*Social Inquiry Report* magħmul quddiemha, liema rapport ġie aġġornat mill-istess uffiċjal quddiem din il-Qorti. Dan tal-aħħar jinkludi wkoll il-ħsibijiet tal-familja tal-vittma fis-sitwazzjoni kurrenti tagħhom u ċioe' bit-trapass ta' kwazi tnax-il sena minn mindu seħħ l-inċident.[14]

Illi l-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aggravju u filwaqt illi tapprezza illi llum l-appellant jidher li qabad it-triq it-tajba u qiegħed jgħix ħajja stabbli, dan ma jnaqqas xejn mil-gravita' ta' dan il-każ. Illi f'idejn l-appellant il-vettura kienet arma letali, tant illi kien il-kaġun mhux ta' inċident wieħed biss serju fejn tfajla weġġħet gravament, iżda sfortunatament l-aġir avventat tiegħu wassal għal mewt ta' missier tal-familja. Illi mhuwiex bizzejjed għall-appellant jattribwixxi l-agir tiegħu għall-ispenzjeratezza tal-ġovintu' u l-bluha taż-żogħżija. Saħansitra fix-xahrejn li ippreċedew l-event traġiku fejn tilef ħajtu Micallef, l-appellant kien diġa' ġie misjub hati darbtejn ta' vjolazzjonijiet tat-traffiku minħabba sewqan bla kont u perikoluż fejn f'wahda mil-kundanni saħanistra ġie misjub ħati ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. Iż-żewġ incidenti mertu ta' dawn il-proċeduri setgħu ġew evitati li kieku l-appellant għaraf ir-responsabbilta' li kellu jerfa' fis-sewqan tiegħu, sewqan li sarraf f'periklu letali fit-triq. Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-effetti tragici li ħalla warajh dan l-inċident fuq il-familjari tal-vittma Micallef u li għadhom sa' llum jinħassu minnhom, b'mod speċjali minn omm li spiċċat kellha trabbi familja waħedha bil-piż kbir li dan iġib miegħu. Dan qed jingħad ukoll irrispettivament mill-fatt illi l-appellant ikkumpensa lill-familja tal-vittma, bl-għajnuna finanzjarja tal-ġenituri tiegħu, billi huwa lanqas kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, għad-danni sofferti, għalkemm tistqarr illi ebda kumpens qatt ma jista' jissostitwixxi ħajja ta' bniedem li ntemmet ħesrem u inutilment minħabba f'dan l-inċident. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-osservazzjonijiet magħmula

[14] Ara folio 700 et seq inkluż dokument immarkat GG1 u folio 851 et seq.

mill-Ewwel Qorti u li wassluha finalment għall-ġudizzju aħħari tagħha għal dak li jirrigwarda l-kwalita' u l-kwantita' tal-piena minnha erogata, u kwindi ma ssib ebda mottiv li jista' iwassalha tvarja l-piena inflitta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur